MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 394/2007

**Joseph Pace, Mariella Pace, Emanuel Zammit u Jane Zammit**

**vs**

**Astrid Anne Grech u b'digriet tal-wiehed w ghoxrin (21) ta' Novembru 2008 giet kjamata 'n kawza s-socjeta Trina Tours**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz tal-atturi pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tnejn w ghoxrin (22) ta' Novembru 2007 fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni sofferti minnhom minhabba traskuragni, negligenza u nuqqasijiet da parti taghha bhala agenta tal-ivvjaggar, u konsegwentement tersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti minnhomi 'n segwitu ghal vaganza fil-Grecja, maghmula tramite l-agenzija taghha, inkluz r-

rifuzjoni tas-somma ta' elfejn hames mija u sebgha w hamsin lira maltin (LM2557), imhallas lilha minnhom ghal imsemmija vaganza u kif wkoll l-ispejjez inkorsi minnhom minhabba r-ri lokazzjoni taghhom f'kumpless iehor, stante li l-pakkett komplessiv minnha offrut ghal imsemmija vaganza, ma kienx tal-kwalita pattwita, b'mod partikolari l-istat hazin tal-kumpless Evia Eretria Village Club, li fih gew originarjament akkomodati u l-kwalita baxxa tas-servizzi u facilitajiet offruti fl-istess, kif ser jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza.

Ai fini ta' kompetenza gie dikjarat li d-danni 'n kwistjoni ma jeccedux l-erbat elef lira maltin (LM4000).

Rat r-risposta ta' Astrid Anne Grech ippresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sitta (6) ta' Marzu 2008 (fol. 7 tal-atti ) fejn eccepiet li:

"1.Id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt w ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li m'huwiex minnu li l-esponenti fil-konfront tal-atturi agixxiet bi traskuragni, u/jew negligenza fil-vesti taghha bhala agent w ghaldaqstant m'hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-istess atturi.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat illi fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin (22) ta' Mejju 2008 xehed l-attur **Emanuel Zammit** (fol. 10) fejn esebixxa numru ta' dokumenti li dwarhom spjega li xi zmien qabel ma effettivament mar fuq *holiday* xi sena qabel kienu marru ghand il-konvenuta u talbuha biex turihom xi *brochures* biex jibbukkjaw ghal *holiday* u din kienet baghtithom go post fejn vera hadu pjacir u kollox kien kif qaltilhom u cioe' f'post gewwa Cipru. Qal li s-sena ta' wara regghu marru ghandha biex tissuggerilhom x'imkien iehor u qaltilhom li kellha post gewwa l-Grecja. Qal li huma xtaqu jmorru go *resort* simili ghal dak li kienu marru s-sena ta' qabel. Qal li kienu hadu pjacir hafna s-sena ta' qabel u talbuha biex ikun piu' o meno l-istess. Qal li kienu erbgha kbar u tlett itfal.

Kompla jghid li l-*holiday* kienet se tiswihom elfejn hames mija u sebgha u hamsin lira (Lm2,557) kif jirrizulta mill-*invoice* li qed esebixxa bhala Dok. Z. Zied jghid li dan l-ammont kien jinkludi l-ikel, il-*flights*, l-*accomodation*, it-*transfers, tax* u *service, insurance* favur il-grupp kollu. Qal li hallsu dan l-ammont fl-ghaxra (10) ta' Lulju 2007. Qal li qaltilhom li kien se jkollhom kamra *sea view*.

Mistoqsi jekk nghatawx dokumentazzjoni ohra minghand il- konvenuta qabel ma telqu wiegeb li iva, kienet effettivament tathom l-*brochure* esebit bhala Dok. X. Qal li huma kienu serrhu mohhom ghax hi kienet qaltilhom li marret hi u hadet pjacir hafna. Zied jghid li huma marru l-Grecja u l-post jinsab fuq gzira jisimha Evia filwaqt li r-*resort* jismu 'Evia Hotel'. Kompla jghid li huma waslu l-*airport* Ateni u sabu l-karozzi jistennewhom biex jghamlu t-*transfer* w ittiehdu f'dan il-villagg. Qal li kif waslu tar-*reception* qaltilhom li kellhom jistennew sakemm titbattal kamra. Qal li naturalment t-tfal kienu *restless*, riedu jixorbu u d-dirigenti tal-lukanda qalulhom li dak il-hin kien hemm luminata jew ilma, ma kienx hemm ikel. Qal li fil-fatt ir-*rubinetto* kien maghluq u ma kienx hemm x'jixorbu u qalulhom li kellhom bzonn jixtru u marru biex jixtru u sabu li l-*mini bar* kien ukoll maghluq.

Qal li sadanittant marru fir-*reception* biex jghidulhom dwar il-kamra u x'hin tawhom l-kmamar marru jarawhom. Qal,u dan b'referenza ghad-Dok. S, li huma suppost kellhom kamra fejn hemm immarkat bl-ahdar fejn hemm il-kelma *lovely* u cioe' li kellha ikollha *sea view* meta effettivament il-kamra tawhilhom fuq wara fejn hemm miktub in-numru 400.

Zied jghid li huma u dehlin, il-kuritur kien mudlam kif hemm fid-Dok. Q u li mad-dawl kien hemm ukoll bejta tal-ghasafar. Spjega li kif dahlu fil-kamra kien hemm kullimkien sfrakassat, bibien imkissrin, l-i*switch* tal-*aircondition* maqlugh minn mal-hajt bil-*wires* jidhru. Mas-saqaf kien hemm ukoll l-ghanqbut kif ukoll numru ta' konsenturi u spiccaw biex flok *sea view* kien hemm sigar kullimkien u ohra mdahhla gol-gallerija. Qal li kien hemm wkoll klieb jigru mas-saqajn. Zied jghid li huma nizlu wkoll

fir-*reception* u qalulhom li huma kellhom *booking* ghal *sea view* u *sea view* ma kienx hemm.  Marru biex jieklu u jixorbu pero kollox  kien vojt kif muri fir-ritratt Dok. T. Qal li wara kienu cemplu lil Mrs Astrid Grech u qalulha bis-sitwazzjoni kif kienet u hi qaltilhom x'setghet taghmel biex tirranga l-affarijiet.  Sussegwentement cemplu wkoll lil Dr. Kevin Deguara sabiex jaghmel kuntatt maghhom u ssuggeritilhom li jew immorru lura u jaqbdu *flight* ghall-Germanja u sussegwentement mill-Germanja lura Malta jew inkella jistennew aktar u ssibilhom post iehor.

Qal li kienu qalulha biex issibilhom lukanda bhal ma kienu marru fiha s-sena ta' qabel u cioe' 'Princess' u din qaltilhom li kienet sabitilhom  l- *hotel* 'Marriott' gewwa Ateni.  Qal li bejn fejn kienu u l-*hotel* li ssuggeriet hi, kien hemm distanza ta' tliet sieghat.  Zied jghid li sadanittant saru l-hdax ta' bil-lejl sakemm marru ghalihom u nel frattemp la kellhom x'jixorbu, la kielu u la xejn.  Qal li marru u waslu ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu u spiccaw go lukanda 'Marriott' u qalulhom li kienu qeghdin hemmhekk ghal dak il-lejl biss w ghalhekk raqdu hemm u filghodu qamu u kellhom jehlu c-*charges* tal-affarijiet li kienu hadu t-tfal. Spjega li huma kienu bbukkjaw originarjament lukanda *all inclusive*.  Qal li fil-'Marriott Hotel' kellhom ibbukkjat *bed and breakfast* biss meta huma kienu taht l-intendiment li l-*holiday* taghhom kienet ser tkun  *all inclusive*.

Kompla jghid li l-ghada filghodu qamu, regghu ghamlu kuntatt ma' Astrid il-konvenuta u din qaltilhom li suppost kellhom jirrangaw biex ikomplu joqoghdu hemm u kuljum kienu qeghdin jispiccaw jistennew li kienu ser jispiccaw barra t-triq.  Qal li fil-fatt ghamlu tlett ijiem go kamra u l-kumplament go kmamar ohra dejjem fl-istess lukanda u spiccaw li kellhom jieklu kuljum u johorgu flus *extra*. Effettivament, zied jghid li ghall-perjodu kollu nefqu xi elf lira maltin l-grupp kollu u li kienu xi sebgha min-nies u jieklu f'nofsinhar u filghaxija.

Qal li mbaghad gew lura Malta wara l-*holiday*, marru ghand Dottor Kevin Deguara u dan kien kiteb lill-konvenuta.  Hu esibixxa kopja ta' din l-ittra li l-Qorti bhala

dokument D. Zied jghid li Mrs Grech kienet qaltilhom li kellha tipprova tirranga ma' fejn effettivament kienet ghamlet il-*booking* hi u fil-process kollu huma ghamlu d-*dealings* taghhom ma' Astrid Grech u l-hlas kien sar lilha wkoll.

Spjega li l-*brochure* gie moghti lilhom minn Astrid Grech u din kienet qaltilhom li l-post kienet zaritu hi stess u li kien ghogobha. Qal li l-konvenuta kienet ippruvat tghinhom hafna.

Qal li meta ltaqghu ghand l-avukat, il-konvenuta qalet li kienet it-'Trina Hotel' li kienet responsabbli ghal dan il-*booking* u dan wara li gew lura mill-*holiday*. Qal li t-*tours* kien jisimhom 'Trina'. Spjega li huma ma kellmux lil dawn it-'Trina Tours' ghax dejjem ma' Astrid Grech tkellmu.

Zied jghid li huma waslu fir-*resort* ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu. Cahad li kienu tawhom kamra ohra u rrifjutawha. Qal li tawhom biss il-kamra li taghha hadu r-ritratti li huma esebiti f'dawn l-atti. Qal li waqt li kienu barra huma ghamlu komunikazzjoni kemm mar-*reception* tal-*complex* u li dawn ma taw kazhom xejn tant li spiccaw jitkellmu ma' Astrid Grech fuq il-*mobile*. Qal li fil-kuntatt li kellhom ma' 'Zygos Travel' dawn kienu qalulhom li kienu gejjin ghalihom. Qal li Astrid Grech qatt ma qaltilhom min huma 'Zygos Travel' u li hu ma kienx jaf min kienu.

Illi nhar d-disgha (9) ta' Lulju 2008 xehed **Joseph Pace** (fol. 42) u kkonferma dak kollu li kien stqarr Emanuel Zammit izda zied ighid li l-hlas sar lil 'AP Travel Limited' u fil-fatt esebixxa kopja tac-cekk li gie markata bhala Dok. Z. Jillimita d-danni li sofra ghall-ammont muri f'dan ic-cekk u cioe fl-ammont ta' elfejn hames mija sebgha w hamsin lira maltin (Lm2,557). Jghid ukoll li ghalkemm huwa kien ghamel *booking* ghal vaganza *all inclusive* spicca li din il-gimgha ma kienet *all inclusive* xejn.

Illi nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Novembru 2008 l-konvenuta talbet il-kjamata 'n kawza tas-socjeta 'Trina Tours', l-atturi m'opponewx u l-Qorti laqghet it-talba konvenut w ordnat in-notifika taghha.

Din is-socjeta giet notifikata fis-sittax (16) ta Dicembru 2009.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin (21) ta’ Novembru 2008 xehdet **Astrid Anne Grech** (fol.476) fejn qalet li hi kienet *in partnership* ma’ persuna ohra u flimkien kellhom *travel agency* maghrufa bl-isem ‘AP Travel’. Qalet li llum il-gurnata din pero’ m’ghadhiex topera. Qalet li l-*partner* taghha kien certu Peter Muscat. Ftakret li f’nofs Gunju tas-sena 2007 kienu cemplulha s-Sinjuri Pace u Zammit sabiex torganizzalhom *holiday* u kienet infurmathom jekk kienux interessati jaghmlu din il-*holiday* gewwa Evia l-Grecja u kienet tathom il-*brochures* mill-*internet*. Qalet li kienet iccekkjat ma’ ‘Trina Tours’ li huma l-*operators* hawn Malta li jiehdu hsieb din il-lukanda gewwa Evia. Qalet li dawn kienu nteressati b’mod partikolari li jkunu jafu x’kienet tinkludi l-*all inclusive* u hi spjegatilhom x’kienet tinkludi din l-*all inclusive*. Qalet li effettivament hi kienet marret f’dan ir-*resort* u kienet hadet pjacir hafna. Qalet li kienet baghtet xi klijenti ohrajn f’dan ir-*resort* u kienu hadu pjacir ukoll. Qalet li ‘Trina Tours’ ukoll kellhom klijenti li kienu marru f’din ir-*resort* u kienu sodisfatti. Qalet li hi kienet rat il-*brochures* flimkien mall-klijenti u kienet iddiskutiet x’kien jikkonsisti l-*all inclusive*. Qalet li mbaghad sussegwentement il-klijenti ghazlu l-*hotel* u mexxew biex jaghmlu l-*booking*. Qalet li sussegwentement hi kellha taghmel dan l-istess *booking* ma’ ‘Trina Tours’ li huma l-*operators* hawn Malta u sussegwentement it-‘Trina Tours’ gabet il-*vouchers* mill-*operator* taghhom il-Grecja. Qalet li dawn gew moghtija lilha minn ‘Trina Tours’ u tathom lill-klijenti taghha.

Qal li sussegwentement is-Sur Zammit kien mar f’dan il-*holiday* w appena waslu kienu cemplulha u qalulha li gew moghtija xi *bungalows* u ma kellhomx *sea views* dan minkejja li huma kienu ordnaw *all inclusive room with a sea view*. Qalet li hi qaltilhom biex imorru lura r-*reception* u li kienet ser iccempel lil ‘Trina Tours’ sabiex jirrangawlhom. Qalet li dawn infurmawha li ma kienux gew moghtija l-*welcome drink* kif suppost. Ziedet tghid li hi cemplet lil ‘Trina Tours’ u tkellmet ma’ certu Lisa Custo u

qaltilha b'dak li kienu qed jghidulha l-klijenti taghha u Lisa Custo qaltilha biex ma tikkonfondix u li kienet ser iccempel lill-operaturi gewwa l-Grecja sabiex jirrangaw dan l-izball. Qalet li naturalment hi kellha mohha mistrieh li l-izball kellu jigi ratifikat. Qalet li s-soltu bhala procedura l-problema tigi solvuta w ghalhekk hi kienet hasbet li ha jigri l-istess. Spjegaat li siegha wara pero' regghu cemplulha u l-klijenti qalulha li l-kamra li gew moghtija kienet dizastru w ghalhekk xtaqu li johorgu minn dan ir-*resort* u hi ghal darb' ohra regghet cemplet lil 'Trina Tours' u skond ma qalu 'Trina Tours' regghu cemplu lill-*operators* taghhom. Qalet li fil-*vouchers* ikun hemm miktub l-*emergency number* u qaltilhom sabiex huma jaghmlu kuntatt mal-*operator* gewwa l-Grecja certu 'Zigos Travel' u sussegwentement it-telefonati bdew isiru kontinwi. Qalet li qalulha li huma effettivament cemplu lil 'Zigos Travel' u tar-*reception* u 'Zigos Travel' tkellmu imma allegatament injoraw lil taz-'Zigos Travel'.

Qalet li 'Trina Tours' bdew jaraw x'alternattiva setghet tigi kreata. Spjegat li kien l-aqwa tas-sajf, tlettax ta' Lulju u hi bdiet tipprova tara x'tista' ssib mill-*internet*. Qalet li l-istess nies is-sena ta' qabel kienu marru 'Princess Line Resort'. Qalet li effettivament il-klijenti taghha kienu klijenti frekwenti u li hi ppruvat *through l-internet* issib mill-Grecja izda kien kollox mimli. Qalet li dan jista' jigi vverifikat ukoll minn Mr. Patrick Cole li huwa l-*accountant* tal-klijenti fejn huma cemplu lill-*accountant* taghhom biex jipprova jsibilhom alternattiva u hu wkoll ma setax isib. Qalet li l-alternattiva li tathom kienet li jew li jigu lura via Frankfurt ma' Lufthansa jew li jiehdu l-alternattiva li giet misjuba minn 'Zigos Travel' pero' li kienet tibda' mill-Hadd u li ghalhekk pero' kellhom zewgt iljieli mhux koperti u cioe' li kellhom jibqghu fejn kienu pero' l-klijenti taghha ma riedux jibqghu fejn kienu. Qalet li hi stess baghtitthom jiehdu r-ritratti sabiex ikollhom il-provi u li kienet anke ssuggerietilhom li jmorru jiehdu *excursion* sabiex jikkalmaw ruhhom w rrizulta li l-*excursions* kollha li kien hemm kienu kollha bil-lingwa Franciza. Qalet li fil-*brochures* tal-*internet* kien hemm miktub li kien hemm *excursions* b'lingwa Ingliza wkoll.

Qalet li kienet sabet alternattiva ohra li kienet *holiday* gewwa l-'Edera Merit Hotel' gewwa Ateni u li din kienet *on a bed and breakfast basis* u kienet tkopri dawk il-flus li l-klijenti taghha kienu hallsu originarjament. Qalet li dakinhar hi kienet baqghet maghhom il-hin kollu fuq it-telefon sa nofs il-lejl kemm hi kif ukoll mat-'Trina Tours' u dan sakemm it-*transfer* rega' hadhom gewwa Ateni. Qalet li l-ghada regghu cemplu l-klijenti u qalulha li l-*hotel* bdiet tghidilhom li huma kienux ikkonfermati u li huma kellhom ihallsu ghall-*breakfast*. Qalet li hi regghet ghamlet kuntatt mat-'Trina' u t-'Trina Tours' regghet ghamlet il-kuntatt taghha ma l-agent u l-unika problema li kien hemm dwar l-'Edera Merit' li l-ahhar *two nights* ma setghux izommuhom fl-*istandard room* izda li kienu se jaghmlulhom *upgrade* ghal *business class room*.

Qalet li ghal darb' ohra l-klijenti kien se jkollhom *hassle* billi jbiddlu l-kamra w ghalhekk regghu ppruvaw jaghmlu kuntatt biex jaghmlulhom l-iskarigg inqas u fil-fatt effettivament ghamlu biss lejl wiehed f'din il-*business room*. Qalet li dakinhar offrewlhom xi *happy hour* ukoll u mid-dehra kien hemm ukoll xi *buffet* zghir. Qalet li meta cemplu u qalulhom li huma tal-lukanda gieghluhom ihallsu *extra* tal-*breakfast* hi kienet ghamlitilhom arrangament ukoll sabiex effettivament ma jhallsux ghal dan l-*extra* pero' jidher li kien hemm xi *communication problem* ghaliex tal-lukanda bdew ighidu lill-klijent li l-ghada kellhom jitilqu. Qalet li effettivament il-klijenti ghamlu l-gimgha hemmhekk u hi qaltilhom ukoll li mill-*hotel* ghall-*airport* ikunu koperti wkoll bit-*transfers* peress li t-*transfers* l-ohra kienu diga' ntuzaw. Qalet li kienet hi stess li hallsitilhom. Qalet li effettivament wara din il-vaganza gew lura u meta ltaqghu ghand l-avukat taghhom, hi flimkien mall-klijenti u cioe' l-atturi, iddiskutew dak li effettivament kien gara.

Qalet li hi kienet hadet nota tal-ilmenti taghhom, tkellmet mat-'Trina Tours' u sa fejn taf hi 'Trina Tours' regghet ghaddiet l-ilmenti lil 'Zigos Travel'. Qalet li 'Zigos Travel' hadu decizjoni li l-klijenti ma kellhomx ghalfejn jitilqu minn hemmhekk. Qalet li hi mhiex agent ta' 'Zigos Travel' u li huma 'Trina Tours' li jahdmu ma' 'Zigos Travel'. Qalet li hi

l-*booking* ghamlitu ma' 'Trina Tours'. Ix-xhud esebiet kopja tal-*e-mails* li saru bejnha u 'Trina Tours' bhala dokument P kif ukoll dik l-*e-mail* li giet mibghuta minn 'Zigos Travel' fejn hemm indikat li l-klijenti ma kellhomx ghalfejn jitilqu mill-*holiday*. Ziedet tghid li fil-fatt huma kienu gew iccargjati *three nights cancellation fee for late cancellation*. Spjegat li agent jibbukkja ma' *operator* fuq *commission basis* u naturalment huwa l-operatur li jirraprezenta l-*hotel*. Qalet li l-operatur huwa responsabbli biex jaghmel l-arrangamenti necessarji. Ix-xhud ikkonfermat li effettivament thallset is-somma ta' elfejn hames mija sebgha w hamsin lira maltin (Lm2,557) minghand l-atturi liema flus hi ghaddiethom lil 'Trina Tours' naturalment wara li hadet il-*commissions* taghha.

Illi nhar t-tmintax (18) ta' Mejju 2009 xehdet in kontr'ezami **Astrid Anne Grech** (fol. 85) fejn ikkonfermat li l-atturi kienu ikkuntattjaw lilha direttament u mhux lis-socjeta 'Trina Tours'. Spjegat li originarjament kienet talbet lil 'Trina Tours; tipprovdilha *tour* mal-'Louis Princess Hotel' ghax is-snin ta qabel kienu ghamlu *holiday* maghhom u kienu hadu pjacir. Pero irrizulta li l-operaturi tat-'Trina Tours' ma setghux jakkomodaw tali rikjesta.

Is-socjeta 'Trina Tours' offrietilha *tour* mal 'Erbia Village Complex' u peress li kienet marret hi qabel u hadet pjacir u kienet ukoll baghtet xi nies li hadu pjacir hija irrakomandat dan il-post lill-atturi. Pero qaltilhom sabiex jaraw il-*website*. Wara li l-atturi irritornaw lura mill-vaganza marru ghandha bil-letteratura mehuda mill-*website* u qalulha li dak li sabu ma kienx skond dak muri fil-*website*.

Qalet li l-*booking* taghhom ghamlitha ma 'Trina Tours' u kkonfermat li l-atturi bdew jillamentaw malli waslu fil-post esteru. Stqarret li peress li kellha il-klijenti taghhom il-Grecja kienet iffirmat dikjarazzjoni ma 'Trina Tours' li kienet lesta li thallas il-*cancellation fee*. Pero tghid li kienet ghadha ma halsithiex sa dakinhar li xehdet. Qalet li hija iffirmat r-responsabilita li kellha mal;-klijenti taghha u cioe li tassumi id-debitu ta' erbgha mija u tmien liri maltin (Lm408) rappresentanti d-differenza bejn dak li kienu gja

hallsu l-atturi u dak li efettivament kellhom ihallsu bil-*booking* il-gdid.

Rat r-risposta tas-socjeta kummercjali 'Trina Tours Limited (C-12518)' ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar 2009 (fol. 68 et seq) fejn eccepiet:-

"1. Illi in linea preliminari s-socjeta esponenti m'ghandha u qatt sejha fil-kawza mill-konvenuta;

2. Illi fil-mertu, is-socjeta esponenti b'mod generali m'ghandha ggorr ebda htija fil-konfront tal-atturi fil-kawza odjerna;

3. Illi s-socjeta esponenti agixxiet biss fuq struzzjonijiet cari u specifici moghtija mill-konvenuta u l-istess konvenuta anke accettat l-ispiza ulterjuri nvoluta halli l-atturi biddu l-lukanda fil-kors tal-btala taghhom u dan hekk kif ser tipprova s-socjeta esponenti waqt t-trattazzjoni ta' din il-kawza;

4. Illi fi kwalinkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjoni attrici hija wahda esagerata;

5. Salv linji difensjonali ulterjuri jekk ikun permess mill-ligi."

Illi nhar d-disgha w ghoxrin (29) t'April 2009 xehdet **Daphne Mercieca** prodotta mill-kjamata in kawza (fol. 73) fejn qalet li hi tahdem mas-socjeta 'Trina Tours' u li taghha hi direttur. Qalet li ma kienetx hi nkarigata mill-*booking* li ghamlet Astrid Anne Grech f'isem Joseph Pace et, izda kienet persuna ohra. Qalet li fil-fatt Astrid Anne Grech ma tkellimtx maggha izda ma certu Roderick Aquilina, impjegat taghha li kien ghadu hekk sa dakinhar. Qalet li dak li rrizultalha mill-*files* huwa li Astrid Anne Grech kienet ghamlet *booking* fil-Grecja u kienet hi stess li staqsiet ghal dan il-*booking* partikolari. Ziedet tghid li l-lukanda 'n kwistjoni kienet 'Etrea Villages Resort and Complex'. Qalet li sussegwentement fuq struzzjonijiet moghtija lilha minn Astrid Anne Grech huma ghamlu dan

l-*booking* fil-Grecja. Ziedet tghid li l-klijenti ta’ Astrid Anne Grech kienu jisimhom Joseph Pace u Emanuel Zammit u n-nisa taghhom. Qalet li sussegwentement l-konjugi Zammit u Pace kienu marru.

Mistoqsija jekk hi tkellimitx mas-Sinjuri Pace tul din t-transazzjoni wiegbet fin-negattiv. Qalet li dak li rrizultalha hu li meta l-klijenti waslu fil-lukanda fil-Grecja, ghamlu xi *complaint*. Qalet li naturalment din kienet l-lukanda li dwarha kienu ntalbu jaghmlu *booking* ghaliha. Ziedet tghid li l-*complaint* pero ma waslitx ghandhom izda ghand s-Sinjura Grech u naturalment din kienet tkellmet maghha. Qalet li apparentement l-klijenti kienu talbu lil Astrid Anne Grech biex jugu lura Malta u naturalment hi (ix-xhud) kienet ippruvat tghinhom. Ziedet tghid li wara dawn talbu biex ibiddlu l-lukanda u marru lejn Ateni w hemmhekk kien hemm lukanda wahda biss li kienet *available* dakinhar f’Ateni li kien jisimha ‘The Mariott’ u Astrid Anne Grech kienet accettat li thallas d-differenza. Ix-xhud esibiet *e-mail* li giet mibghuta lilha minn Astrid Anne Grech fejn fiha talbitha taghmel *booking* tal-lukanda. Qalet li hi ghandha wkoll l-*complaint* li kienet baghtet Astrid Anne Grech li huma baghtu lis-*supplier* taghhom fil-Grecja u li kellha wkoll r-risposta tal-lukanda. Qalet li huma principalment ippruvaw jghinu fejn qalu wkoll li dawk z-zminijiet ikun hemm diversi nies ohra u hadd m’ghamel l-*complaint* li kienu ghamlu dawn n-nies. Ix-xhud esibiet dawn bhala Dok. Z li hi l-*complaint* li giet mibghuta lilha minn Astrid Anne Grech u bhala Dok. Y li hi l-ittra li hi kient baghtet lil Astrid Anne Grech bhala risposta u bhala Dok. T l-ittra mibghuta mis-socjeta taghhom lil konvenuta, bhala Dok. X l-*e-mail* mibghuta minn Lisa Custo li tahdem maghhom lil ‘Zygos Travel’ li hi s-socjeta responsabbli fil-Grecja, bhala Dok. S l-*e-mail* mibghuta mill-lukanda fejn kienu dawn in-nies lil ‘Zygos Hotel’ u bhala Dok. Q l-i*statement* mahrug mis-socjeta taghha. Qalet li l-konvenuta accettat li thallas xi hlasijiet ohra konnessi mat-*transfers* u esibit din bhala Dok. Y.

Ix-xhud kompliet tghid li sa llum l-gurnata ghad baqa’ bilanc ta’ elf mija u sebgha w sebghin euro dovut lilha mill-konvenuti. Qalet li huma qatt ma semghu xejn mill-

konjugi Pace jew Zammit dwar din il-kawza qabel ma rcevew l-avviz. Qalet li hi personalment, qatt ma kellmithom u ma jidhrilix li qatt marru l-ufficcju taghhom imma anke jekk marru, marru jitkellmu mal-agent taghhom l-konvenuta. Qalet li hi qatt ma pprenotat f'dan r-*resort* qabel gewwa l-Etrea. Qalet li kienet d-domanda jew xewqa ta' Astrid Anne Grech. Qalet li setgha kien li apparti dan Roderick Aquilina, l-konvenuta tkellmet ma Lisa Custo jew forsi ma Nadine Mercieca.

In kontr'ezami ix-xhud qalet li huma *wholesalers* tat-*travel agents* hawn Malta w ghalhekk l-ordni li jkollhom minghand l-klijenti taghhom hawn Malta, jittrasferuha lis-*supplier* taghhom barra minn Malta u l-ordni b'hekk issir. Qalet li jekk klijenti imur ghandhom u jghidilhom li xtaq imur f'lukanda partikolari, huma jaghmlu dik l-ordni skond x-xewqa tal-klijent pero jekk l-klijent imur fuqha u jghidilha li hu jrid *three star hotel*, huma ovvjament jaghtuh dak li ghandhom fuq il-lista taghhom. Mistoqsijja jekk dan r-*resort* Etrea hijiex fil-kotba taghhom, wiegbet li ma hijiex. Qalet li sa fejn taf hi mill-ufficcju taghhom, m'ghamlu ebda *booking* f'din l-lukanda. Qalet li r-relazzjoni taghhom hija mas-socjeta 'Zygos Travel' li huwa l-*greek supplier* taghhom li jiehu hsieb l-ordnijiet taghhom. Qalet li huwa l-*main supplier* taghhom ghalkemm *suppliers* ohra ghandhom.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2009 xehdet **Lisa Gusto** prodotta mill-kjamat in kawza (fol. 92) fejn ikkonfermat li hi kienet responsabbli ghall-*booking* li sar. Qalet li kienet talbitha taghmel dan Astrid Ann Grech u dan wara li ghamlitilha *request* partikolari ghal *hotel*. Qalet li l-isem originali ma tiftakrux, pero taf li ma kienitx *available* pero' offrietilha ohra u tawha d-dettalji tal-*alternative hotel*, bil-*website* ukoll. Qalet li Astrid Grech kienet taf dwarha wkoll ghax sahansitra anke tat xi *brochures* lill-klijenti taghha li ma pprovdewx huma. Ziedet tghid li s-sinjura Grech kienet qaltilhom li l-prenotazzjoni riditha ghall-familja Pace *by four*. Qalet li mid-dehera, meta l-klijenti marru hemmhekk m'ghogbithomx ir-*resort*. Qalet li s-sinjuri Pace u Zammit maghha ma tkellmux, tkellmu direttament mas-sinjura

Astrid Anne Grech pero' kienet is-sinjura Grech li qaltilhom li l-klijenti taghha ma kienux kuntenti bil-*lodging* li sabu. Qalet li huma kienu ghamlu l-*booking* tal-*hotel* tramite agent taghhom gewwa l-Grecja u tawh ragunijiet ghaliex il-klijenti ta' Astrid Ann Grech kienu qed jaghmlu l-ilmenti taghhom u li r-ragunijiet li bdew jaghtu huma ma kellhomx kontroll fuqhom bhal per ezempju li r-*resort* kien vojt. Kompliet tghid li sussegwentement il-klijenti ddecidew li jbiddlu r-*resort* wara li huma tkellmu ma' Astrid Grech.

Qalet li mbaghad huma sabulhom post alternattiv pero' naturalment kellhom izidu xi *charges* u naturalment hi kellha tikkonferma ma' Mrs Grech qabel m'ghamlet l-*alternative accomodation* li l-klijenti taghha kienu lesti li jaccettaw dawn ic-*charges*. Qalet li hi tkellmet mas-sinjura Grech dwar dan u sahansitra anke baghtitilha *e-mail* by *fax* biex tghidilha x'kienu dawn ic-*charges* u dawn gew iffirmati u gew ritornati lilha ffirmati minnha. Qalet li dawn l-ispejjez zejda kienu se jithallsu mill-klijenti.

Meta giet murija d-dokument esebit fl-atti a fol. 78 ix-xhud qalet li dawn huma l-*faxes* li kienet ghadha kemm xehdet dwarhom. Qalet li l-*breakdown* tal-*expenses* tinsab a fol. 79 tal-process. Ikkonfermat li *at all times* ir-relazzjoni ta' Zammit u Pace kienet mas-sinjura Grech.

Rat in-nota ta sottomossijonijiet tal-atturi pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Dicembru 2009 u dik tal-konvenuta pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2010.

Ikkunsidrat:-

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi kienu ghamlu *booking* ghal vjagg barra minn Malta mal-konvenuta biex zewg familji u cioe Zammit u Pace jsiefru u jmorru f'*resort* il-Grecja.

2. Illi l-ordni saret regolarment mall-konvenuta u l-atturi hallsuha dak kollu minnha mitlub.

3. Illi jirrizulta pero li l-konvenuta ma kienitx l-agent tas-socjeta estera li maghha saret il-*booking* barra minn Malta izda kienet is-socjeta kjamata 'n kawza 'Trina Tours' li kienet responsabbli ghal *booking* li sar barra minn Malta.

4. Qabel ma siefru l-atturi koncernati regghu ghamlu l-kuntatti mal- konvenuta biex jivverifikaw il-mawra taghhom u jserrhu rashom li kollox kien f'postu partikolarment ikkonfermaw li l-vacanza kienet *all inclusive.*

5. Illi l-konvenuta accertathom li kollox kien sew peress li s-socjeta kjamata 'n kawza kienet ikkonfermat il-*booking* taghha.

6. Illi pero' meta l-atturi waslu fid-destinazzjoni sabu li r-*resort* ma kienx kif muri fil-*brochures* li kellhom u kien hemm hafna nuqqasijiet kif deskritti minnhom fix-xhieda fuq imsemmija.

7. Illi wara hafna kuntatti u qtieh il-qalb il-konvenuta tramite s-socjeta kjamata 'n kawza, rrangatilhom sabiex ibiddlu l-post u jmorru fil-'Mariott Hotel' f-Ateni.

8. Illi pero l-arrangament kollu tbiddel ghaliex fil-fatt il-vjagg ma baqax *all inclusive* u kellhom ihallsu ghal hafna spejjez ancillari konsistenti f'diversi ikliet u affarijiet simili.

9. Illi ovvjament din il-mawra tal-atturi kienet fjask totali u l-kawza odjerna hi ndirizzata biex dawn jirkupraw d-danni minnhom sofferti kif mitluba fir-rikors promotur.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' konvenuta qed issostni li bhala agent hija ma kienitx negligenti u traskurata f'xogholha w ghalhekk l-

ebda responsabbilita’ ma tista’ tigi kkollata fuqha u lanqas ma tista tinzamm responsabbli ghal xi danni sofferti mill-atturi.

Jirrizulta li l-konvenuta kienet qabdet lis-socjeta kjamata ‘n kawza bhala l-agenzija ‘n dizamina u dan sabiex tagixxi fl-ahjar interess tal-principal taghha, u tramite l-kummissjoni li tircievi ghax-xoghol minnha konkluz, tiggwadanja l-ammonti pattwiti bejniethom biex tassigura l-ezistenza kummercjali taghha.

Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet “**Bundeskartellamt vs. Volkswagen VAG Leasing**”, C-266/93, deciza mill-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja nhar l-erbgha w ghoxrin (24) t’Ottubru 1995:

*“Representatives can lose their characters as independent traders... if they do not bear any of the risks resulting from the contracts negotiated on behalf of the principal and they operate as auxiliary organs forming an integral part of the principal’s undertaking”;*

Illi ghalhekk ir-relazzjoni bejn is-socjeta’ kjamata ‘n kawza u l-konvenuta hi wahda komplimentari stante li dawn m’humiex entitajiet separati minn xulxin ghall-finijiet w effetti tal-fatti ‘n dizamina.

Ir-rizoluzzjoni tal-vertenza tiddependi ghal kollox f’illi jigi stabbilit in-natura tar-rapport guridiku.

Kif minnha stess accettat w ammess, l-konvenuta hi agent tal-ivvjaggar :- Li jfisser *“persuna li, sew bhala principali sew bhala agent, tirranga, taghti pariri dwar jew tiehu hsieb li tipprovdi lil turisti u persuni ohra, sew individwalment sew fi gruppi, arrangamenti ghall-ivvjaggar ghal barra minn Malta, inkluz l-allogg f’lukanda, guest house, hostel, postijiet ghall-btala jew dar li tintuza biex jigi provdut allogg lit-turisti; vjaggi bl-ajru, fuq l-art jew bil-bahar …”*

Din hi t-tifsira li nsibu fl-Att XII tas-sena 1999 dwar "Is-Servizzi tal-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta" (Kap 409), li rrimpjazza l-Kap 264: "Dwar l-Agenziji tal-Ivvjaggar u Servizzi tal-Lukandi".

Taht il-'voce' '<u>vjaggatur</u>' f'dan l-istess Att insibu imbaghad, li dan ifisser *"persuna li tidhol f'kuntratt m'attivita turisitika li jkollha licenza ghall-provvediment ta' kull servizz dwar l-ivvjaggar jew li jkollha x'taqsam mal-ivvjaggar ta' xi xorta u ta' kull xorta minn dik l-attivita' turistika li jkollha licenzja"*.

Fost l-operaturi ta' din l-"attivita' turistika" hemm annoverata, skond it-tifsira li tinghata lil din il-kelma, l-"agenzija tal-ivvjaggar".

Huwa sintomatiku mill-interpretazzjoni tal-kliem rilevanti mill-ligi moghtija, li bejn l-atturi, qua vjaggaturi, w s-socjeta' konvenuta, qua agent tal-ivvjaggar, inholoq rapport kontrattwali dirett li fih is-socjeta' konvenuta, una volta li accettat l-istruzzjonijiet lilha moghtija, kellha mbaghad tassikura l-ezekuzzjoni taghhom a beneficcjut al-atturi, kontra pagament minnhom. Huwa proprju 'n virtu ta' tali kuntratt li tigi krejata, regolata jew mahlula l-obbligazzjoni (**Artikolu 960** tal-Kodici Civili). Il-konsegwenza tan-nuqqas t'ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni jirrendi lil dak li jkun hekk intrabat, passibbli ghad-danni (**Artikolu 1125** tal-Kodici Civili).

Jinghad imbaghad fl-**Artikolu 999 (1)** illi "*hadd ma jista 'b'kuntratt f'ismu jobbliga ruhu jew jikkuntratta hlief ghalih innifsu*."

Jissokta jigi precizat fis-**subinciz (2)** ghal dan l-imsemmi **Artikolu 999** illi "*b'dana kollu wiehed jista' jobbliga ruhu lejn iehor, billi jwieghed xi haga li ghandha tigi maghmula minn persuna ohra; izda f'dan il-kaz, jekk din il-persuna l-ohra ma tkunx trid tezegwixxi l-obbligazzjoni, dak li jkun obbliga ruhu jew wieghed it-twettiq ta' l-obbligazzjoni, ikun suggett biss ghal hlas tal-hsara"*."

Kif jinghad a propositu fid-decizjoni fl-ismijiet "**<u>Giuseppe Debono et –vs- Antonio Falzon</u>**", Appell Civili, 21

ta’ Mejju 1947, f’kaz bhal dan l-obbligazzjoni hi vinkolanti “inter contrahentes” u rigward l-ezekuzzjoni taghha jkollha l-effett kollu meta tigi ratifikata mill-persuna li tista’ tezegwiha.

Issa fil-kaz in ezami huwa pacifiku bejn il-partijiet in kawza, li l-atturi kienu zmien qabel ikkuntattjaw lis-socjeta’ konvenuta, li maghha kien gja kellhom relazzjoni, biex din tohdilhom hsieb il-vjagg u l-allogg li kellhom ippjanat li jikkoincidi gewwa il-Grecja.
.
Il-konvenuta m’ghamlitx l-allestiment tal-akkomodazzjoni direttament hi, izda nkarigat l-agenzija kjamata ‘n kawza.

M’hemmx dubju li l-konvenuta kellha relazzjoni mas-socjeta kjamata ‘n kawza ghaliex fl-ewwel lok, kienet is-socjeta kjamata ‘n kawza li ghamlet il-*booking*, vera fuq rakkomandazzjoni tal-konvenuta, pero hija kompliet tesegwixxi x-xewqa taghha tramite l-kuntatti li kellha ma *operator* Grieg. Illi l-konvenuta ma kellha l-ebda relazzjoni mal-operatur Grieg u kollox sar tramite s-socjeta kjamata ‘n kawza, tant li anke il-flus li gabret il-konvenuta minghand l-atturi, ghandhom jigu mghoddija lilha salv ghal kummissjoni taghha. Dan nonostante pero, l-konvenuta baqghet f’kuntatt kontinwu mal-atturi w anke assumiet ir-responsabbilita li tbiddel il-vaganza taghhom. Hija fil-fatt assumiet id-differenza fil-prezz mas-socjeta kjamata ‘n kawza kif jidher mid-dokument esebit a fol. 57 u 58 w ghalhekk, din l-istes socjeta kjamata ‘n kjawza fl-ebda stadju ma giet li qed tikkontrattja mal-atturi u verament ma ghandhiex *locus standi* maghhom.

Anke l-*invoice* mibghuta mis-socjeta ‘Trina Tours’ giet mibghuta lil konvenuta (vide fol 59)

Fis-sentenza fl-ismijiet “**Agent Accountant General et –vs-**
**George Xuereb noe”**, Appell Kummercjali, 15 ta’ Marzu 1991 gie hekk rilevat:-

“*Il-kjamata in kawza ghandha fost ohrajn il-funzjoni li tkun prezenti t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux*

*direttament ma' l-atturi izda mal-konvenut in kwantu dan ta' l-ahhar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur ghal kull dannu li jista' jsofri ghaliex ikun dan li fil-konfront tieghu jrid jirrispondi. Il-presenza tas-sub-appaltatur ghalhekk hija utili ghaliex telimina l-possibilita' ta' kumplikazzjonijiet fi-rrigward tal-problemi konnessi mal-ezekuzzjoni tax-xoghol – kemm ghaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li ezegwixxa x-xoghol, u kemm ghaliex dan tal-ahhar ma jkunx, 'il quddiem, jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avanzax difiza valida u efficjenti fil-konfront tal-atturi - b'hekk gie bata huwa*".

F'dan il-kaz saret il-kjamata 'n kawza pero r-responsabbilita versu l-atturi, baqghet mal-konvenuta u dan meta assumiet li thallas id-differenza fil-prezz w ippartecipat f'kull stadju ta' tibdil fil-vaganza u baqghet in kuntatt kontinwu u taghmel hi stess in-negozjati ghall-atturi.

Illi s-socjeta kjamata 'n kawza dejjem ghamlet il-kuntatt taghha mal-konvenut kif jidher mid-diversi *e mails* esebiti u l-atturi qatt ma kienu ko partecipi f'dak li kien qed jintqal.

Fil-kazistika Ingliza, l-posizzjoni 'n materja fejn jikkoncerna l-agenti tal-ivvjaggar, hi dik li ssostni bla mezzi termini illi jekk dawn jonqsu li jipprovdu s-servizz kuntrattat jirrispondu ghad-danni ("**Jarvis –vs- Swan Tours**", 1973).

Skond ***Cummings L.J.*** fid-decizjoni "**Adcock –vs- Blue Sky Holidays"** (1983):-

"*The Jarvis case establishes that where the subject matter is a contract for the provision of facilities for a holiday, the parties to that contract forsee that upon payment of the financial consideration to the tour company, the tour company is under an obbligation to provide those services*".

Ghalkemm l-osservazzjonijiet fihom jibqghu validi, jidher ovvju li l-Qrati Inglizi jaddottaw ir-rigur ta' "*strict liability*", sistema din sa certu punt aljena ghalina. Pero' anke bl-

adozzjoni tan-normi tal-ligi taghna, din ir-responsabilita' fil-kaz de quo tirrizulta li tissodisfa dak stabbilit fid-disposizzjonijiet fuq imsemmija flimkien ma' dak sancit fl-**Artikolu 1033** tal-Kodici Civili, applikat ghal kuntratti.

Fil-fehma ta' din l-Qorti, anke jekk il-konvenuta ezegwiet l-inkarigu tramite s-servizzi ta' socjeta' ohra estera li taghha setghet ukoll kienet l-agent, hu assodat illi r-relazzjoni kontrattwali bejn l-atturi u l-konvenuta, kienet naxxenti mill-ftehim ta' bejniethom. Tinsisti kemm tinsisti l-konvenuta, li hi ma kienetx responsabbli ghad-danni reklamati, ghax dak li gara kien htija tas-socjeta' kjamata 'n kawza, bl-ebda mod dan l-argument ma jissufragaha. Dan kif fuq gja manifestat u espress.

F'cirkostanzi konsimili d-danni minhabba l-inadempjenza kontrattwali, ghandhom naturalment ikunu relatati ma' din l-inadempjenza u konsegwenzjali ghaliha.

L-atturi qed jippretendi bhala danni li jigu rifuzi l-ispiza totali li ghamlu biex marru ghal din il-vaganza fil-Grecja fl-ammont ta' elfejn hames mija sebgha w hamsin lira maltin (LM2,557) oltre elf lira maltin (Lm1000) ohra rappresentanti l-ispejjez li hargu ghar-rilokazzjoni taghhom u ghall-ikel; total tlett elef hames mija sebgha w hamsin lira maltin (LM3,557) ekwivalenti ghal Euro 8,285.48.

Illi din il-Qorti pero ma thossx li ghandha tilqa din it-talba fir-rigward tal-ammont totali ghaliex wara kollox, vera li ma kellhomx il-vaganza li xtaqu, pero ma gewx lura w ikkuntentaw ghal dak li gie offrut lilhom mill-konvenuta u cioe li jqattghu r-rimanenti vaganza gewwa l-'Hotel Mariott' f'Ateni w ghalhekk, xorta spiccaw hadu vaganza.

**F'dawn ic-cirkostanzi *arbitrio e boni viri* l-Qorti sejra tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf lira Maltin (LM1,000) ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u tlieta tletin euro (2333 euro).**

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa it-talba attrici b'dan illi qed tirriduci t-talba u tordna lil-konvenuta**

**thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn tlett mija u tlieta u tletin euro (2,300 euro) u qed tichad l-eccezzjoni taghha u qed tillibera lis-socjeta kjamata 'n kawza mill-osservanza tal-gudizzju stante nuqqas ta' relazzjoni guridika bejnha u l-atturi.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopporati 'n kwantu ghal wiehed minn hamsa mill-atturi u r-rimanenti erbgha minn hamsa, mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------